**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI STRUTTORJA**
**(Fl-Att Dwar l-Estradizzjoni msejha l-Qorti Rimandanti)**

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A. M.A.(Fin. Serv.) LL.D.**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Mark Galea)**
**vs**
**PAUL ATTARD**

**Estradizzjoni (EAW) Nru. 574/2021**

**Illum, 17 ta' Novembru, 2021**

**IL-QORTI,**

## I. PRELIMINARI

Rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil Paul Attard numru tal-karta tal-identita' Maltija 0475978(M) aktar il-quddiem imsejjah 'l-Estradant';

Rat il-Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE) maħruġ fis-7 ta' Ġunju 2019 mit-*Tribunale Di Catania Sezione Del Giudice Per Le Indagini Preliminari* kontra l-Estradant[1].

Rat l-allert maħruġ skond is-Schengen Information Sustem - SISII[2].

[1] Dok MG 4 a fol 6 bil-lingwa Taljana u Dok MG 5 a fol 12 bil-lingwa Ingliza.
[2] Dok MG 3 a fol 5.

Rat ic-Ċertifikat maħruġ mill-Avukat Ġenerali fil-5 ta' Settembru 2021[3], a tenur tar-regolamenti 6A u 7 tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati Dwar L-Estradizzjoni[4] permezz ta' liema l-Avukat Ġenerali ċċertifika li t-*Tribunale di Catania – Sezzione del Giudice per le Indagini Preliminari*, fi ħdan ir-Repubblika Taljana, l-Awtorita' li fuq talba tagħha nħareġ l-allert ghall-estradant, għandha l-funzjoni li titlob il-ħruġ ta' l-allerti fir-Repubblika Taljana.

Rat id-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-4 ta' Ottubru 2021 (fol 246) u s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 t'Ottubru 2021, Appell Numru 320/2021 (fol 364) u Appell Numru 321/2021 (fol 413), permezz ta' liema l-istess Qorti tal-Appell Kriminali ddisponiet mill-appell imressaq mill-Estradant billi ddikjaratu irritu u null u astjeniet milli tieħu konjizzoni ulterjuri tiegħu, filwaqt illi kwantu ghall-appell interpost mill-Avukat Ġenerali ddeċidiet billi laqgħet in parti t-tieni parti tat-tieni aggravju tal-appell tiegħu u filwaqt li rrevokat id-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-4 ta' Ottubru 2021 (fuq imsemmija), iddikjarat li r-reat imsemmi fil-MAE *de quo* jikkostitwixxi reat t'estradizzjoni, u billi sabet li jeħtieġ illi s-smiegħ tal-estradizzjoni jissokta fis-sensi tal-artikoli 13 *et seq* tal-Ordni, bgħatet l-atti lura lil din il-Qorti bħala Qorti Rimandanti sabiex tkompli bis-smiegħ tal-estradizzjoni b'dan li l-Estradant għandu jitqiegħed fil-posizzjoni li kien fiha wara d-digriet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest tal-15 ta' Settembru 2021.

Rat id-Digriet tat-2 ta' Novembru, 2021, mgħoti mill-Unur Tiegħu il-Prim Imħallef Mark Chetcuti permezz ta' liema l-proċeduri odjerni ġew assenjati lill-din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-Provvediment ta' din il-Qorti tal-10 ta' Novembru 2021 permezz ta' liema hija ċaħdet it-talba tal-Estradant imressqa fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2021 sabiex issir riferenza kostituzzjonali għar-raġunijiet hemm imfissra u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Novembru 2021 fejn Dr. Arthur Azzopardi ressaq eċċezzjoni fis-sens illi l-proċeduri *de quo* ma jistgħux jitkomplew peress li t-termini stabbiliti fl-Artikolu 27A tal-Ordni skadew.

Semghet trattazzjoni dwar l-eċċezzjoni sollevata.

Rat illi Dr. Azzopardi ghall-Estradant ippreżenta kopja tal-verbal tal-kawża li qed tinstema mit-*Tribunale di Catania* fil-konfront tal-Estradant in konnessjoni ma dawn il-proċeduri liema dokument gie mmarkat Dok AA1.

---

[3] Dok MG 1 a fol 3 bil-lingwa Maltija u Dok MG 2 a fol 4 bil-lingwa Ingliza.
[4] Avviż Legali Nru. 320 tal-2004 (LS 276.05) aktar l-isfel imsejjaħ "l-Ordni".

Rat illi Dr. George Camilleri għall-Avukat Ġenerali oġġezzjona għall-preżentata tal-istess dokument peress li ma ġiex preżentat skond il-formalitajiet rikjesti mill-Ordni.

Rat it-talba tad-difiża tal-Estradant fejn in vista tal-oġġezzjoni sollevata mill-Avukat Ġenerali talbet li ai termini tal-Artikolu 13A tal-Ordni, l-Awtoritajiet Taljani jikkonfermaw o meno l-awtentiċita tal-istess dokument u jipprovdu kopja tal-istess bl-Ingliż u bil-Malti.

Rat illi nonostante l-ordni tal-Qorti permezz ta' liema pprefiġġiet terminu sal-Ġimgħa 12 ta' Novembru f'12:00 pm biex tiġi ppreżentata l-informazzjoni mitluba, il-prosekuzzjoni naqset li tippreżenta l-istess.

Rat invece li l-prosekuzzjoni fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 2021 ipprezentat email li giet immarkata bhala Dok X1 bi spjegazzjoni ghal Dok AA1 imzemmi aktar il-fuq ipprezentat mid-difiza, ghal-liema Dok X1 id-difiza ma oggezzjonatx il-prezentata u l-Qorti ammettiet l-istess dokument li huwa spjegattiv fih innifsu. Il-Qorti tinnota li Dok AA1 kien ġie ppreżentat mid-difiża tal-Estradant fl-isfond tat-teżi tiegħu li t-termini prefissi mill-Ordni skadew u kwindi skond id-difiża dawn il-proċeduri ma jistgħux jitkomplew. Sostniet id-difiża illi tant dawn il-proċeduri jinsabu *fuori termine* li skond huma, l-Awtoritajiet esteri – konxji ta' dan il-fatt – irrikjamaw il-kawza li qed tinstemgħa mit-*Tribunale di Catania* ghas-17 ta'Novembru 2021 minflok id-data oriġinarjament skedata tat-22 ta' Frar 2022. Huwa dan l-oġġett tal-prova li d-difiża riedet iġġib permezz ta' Dok AA 1. Dok X1 ipprezentat mill-prosekuzzjoni, minn naha l-ohra, jaghti tifisra differenti ghala l-kawza quddiem il-Qrati Taljani giet rikjamata aktar kmieni. Fi kwalunkwe kaz din il-Qorti sejra tqis l-istess dokumenti fl-analiżi taghha dwar l-eċċezzjoni sollevata tal-*fuori termine*.

## II. KUNSIDERAZZJONIJIET

Illi huwa doveruż mill-ewwel jiġu sollevati ċerti principji ġenerali li bħala regola jirregolaw il-qafas tal-andament ta' dawn il-proċeduri.

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet ***Minister for Justice and Equility v Francis Lanigan (C-237/15 PPU)*** intqal hekk:

"*It should be recalled, as a preliminary point, that the purpose of the Framework Decision, as is apparent in particular from Article 1(1) and (2) thereof and recitals 5 and 7 in the preamble thereto, is to replace the multilateral system of extradition between Member States with a system of surrender between judicial authorities of convicted or suspected persons for the purpose of enforcing judgments or of conducting prosecutions, that system of surrender being based on the principle of*

*mutual recognition (judgments in Melloni, C.399/11, EU:C:2013:107, paragraph 36, and F., C.168/13 PPU, EU:C:2013:358, paragraph 34).*

*The Framework Decision thus seeks, by the establishment of a new simplified and more effective system for the surrender of persons convicted or suspected of having infringed criminal law, to facilitate and accelerate judicial cooperation with a view to contributing to the objective set for the European Union to become an area of freedom, security and justice, founded on the high level of confidence which should exist between the Member States".*

Ta' rilevanza, f'dan ir-rigward, hi l-*Opinion* ta' **Lord Scott of Foscote** fil-kawża *Office of the King's Prosecutor, Brussels (Respondents) v. Armas*[5]:

*50. Lord Hope has referred to the background to the European Council Framework Decision of 13 June 2002. The Framework Decision was intended to simplify the procedures for extradition of individuals from one Member State to another either for the purpose of being prosecuted for alleged criminal conduct or for the purpose of serving a sentence imposed after conviction. There were two particular features of the Framework Decision extradition scheme that, having regard to the issues raised by this appeal, deserve mention. First, in relation to offences falling within the so-called Framework List the requirement of double criminality was removed, that is to say, it would not be necessary to show that the conduct of the accused for which he was to be prosecuted in the requesting State, or which had constituted the offence of which he had been convicted in the requesting State, would have been criminal conduct for which he could have been prosecuted or convicted in this country.*

*51. Secondly, the Framework Decision was intended to make it unnecessary, whether in relation to Framework List offences or any other offences, for the requesting State to have to show that the individual had a case to answer under the law of that State. The merits of the extradition request were to be taken on trust and not investigated by the Member State from which extradition was sought. Article 1(2) says that:*

*"Member States shall execute any European arrest warrant on the basis of the principle of mutual recognition and in accordance with the provisions of this Framework Decision."*

*And recital (5) of the Framework Decision speaks of "abolishing extradition between Member States and replacing it by a system of surrender between judicial authorities."*

*52. The principle underlying these changes is that each Member State is expected to accord due respect and recognition to the judicial decisions of other Member States. Any enquiry by a Member State into the merits of a proposed prosecution in another Member State or into the soundness of a conviction in another Member State becomes, therefore, inappropriate and unwarranted. It would be inconsistent with the principle of mutual respect for and recognition of the judicial decisions in that Member State.*

[5] 17 November, 2005; SESSION 2005–06; [2005] UKHL 67; Hearing Date 12 October, 2005.

*53. Accordingly, the grounds on which a Member State can decline to execute a European arrest warrant issued by another Member State are very limited. Article 3 sets out grounds on which execution must be refused. Article 4 sets out grounds on which execution may be refused.*

Issir ukoll referenza ghas-sentenza ***Il-Pulizija vs Donatella Concas*** fejn il-Qorti Rimandanti ghamlet ezami *funditus* dwar l-istituzzjoni tal-Mandat t'Arrest Ewropew[6]:

*Il-Qorti qieset sewwa il-preġudizzjali sollevata mid-Difiża kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet, nonche d-dokumenti kollha eżibiti f'dawn l-atti. Din il-Qorti jidhrilha li l-iskop ewlieni u aħħari wara l-ħolqien tal-mandati t'arrest ewropej kien wieħed li jassikura speditezza u mill-anqas burokrazija fit-twettieq ta' deċiżjonijiet tal-Awtoritajiet Ġudizzjarji fit-territorju tal-Unjoni Ewropeja fir-rigward tar-ritorn ta' persuni rikjesti u li jkunu jinstabu fit-territorju Ewropew li għall-fini tal-koperazzjoni ġudizzjarja kellu jitqies bħala territorju uniku. Dawn il-prinċipji huma msejsa fuq il-kunċett tal-fiduċja reċiproka li għandu jsaltan bejn l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Ewropej u l-istati membri Ewropej li għażlu fis-sovranita tagħhom li jillimitaw l-istess sovranita u jagħtu spinta lil fiduċja reċiproka fl-Awtoritajiet Ġudizzjarji Reċiproċi.*

*Il-komunikazzjonijiet bejn l-istess Awtoritajiet għandhom jitqiesu li jkunu qegħdin isiru fi ħdan din il-filosofija kif ukoll b'rispett lejn il-verita' proċesswali, b'responsabbilta' u dejjem in buona fede. U allaħares kien mod ieħor, għaliex altrimenti l-pilastru tal-fiduċja reċiproka li fuqu hija msejsa l-proċedura tal-eżekuzzjoni tal-MAE jikkrolla.*

*Il-proċedura tal-eżekuzzjoni tal-MAE mhix bħal proċeduri penali oħra. Għalhekk ikun żbaljat li jiġu adottati il-kriterji t'applikazzjoni u interpretazzjoni stretta li jikkaratterizzaw il-proċedura penali f'dan il-kamp bl-istess mod bħal ma jsir fi proċeduri penali fejn Qorti tkun trid tiddetermina r-responsabbilta' penali o meno ta' persuna imputata. Dan japplika wkoll għall-xi provi jridu jitresqu f'dawn il-proċeduri kif ukoll il-livell ta' suffiċjenza probatorja.*

*L-anqas ma huma applikabbli bl-istess mod ir-regoli tradizzjonali tal-estradizzjoni. Anzi din il-proċedura ġiet maqbula bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja speċifikament sabiex ma jkunx hemm l-istess kriterji applikabbli f'każijiet t'estradizzjoni bejniethom.*

*Dan huwa qasam li huwa divers u sa ċertu punt uniku għall-Unjoni Ewropeja. Għalkemm ċertu veduti tradizzjonalisti ċċensuraw din il-modalita tal-ħsieb, il-fatt jibqa' li l-proċedura tal-eżekuzzjoni tal-mandat t'arrest ewropew teżalta għall-fini ta' koperazzjoni ġudizzjarja l-unifikazzjoni tat-territorju tal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropeja ghall-fini ta' kooperazzjoni Gudizzjarja li aderew ruħhom għal din il-proċedura.*

[6] Deċiża 14 ta' Novembru 2016.

*B'hekk l-istqarrijiet u d-dokumenti mibgħuta mill-Awtoritajiet Ġudizzjarji Ewropej fil-qafas ta' proċedura għall-eżekuzzjoni tal-MAE, u fl-ewwel lok il-MAE innifsu u d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Awtoritajiet Ġudizzjarji rispettivi għandhom piż u valenza qawwija f'dawn il-proċeduri.*

**IKKUNSIDRAT**

Stabbiliti dawn il-principji ġurisprudenzjali li jinkwadraw il-qafas operattiv ta' dawn il-proċeduri din il-Qorti sejra issa tittratta l-eċċezzjoni sollevata mid-difiża ossia dik tal-*fuori termine*. F'dan ir-rigward din il-Qorti tinnota illi dan il-punt ġie trattat b'mod eżawrjenti fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet **Minister for Justice and Equility v Francis Lanigan (C-237/15 PPU)**. Iżda qabel ma tinoltra ruhha fuq l-effetti li l-iskadenza taż-zmien stipulat fl-Ordni u fid-Deċizjoni Kwadru jaf għandhom fir-rigward tal-proċeduri tal-MAE, din il-Qorti sejra l-ewwel nett tqis jekk it-termini stabbiliti fl-Ordni humiex fil-fatt skaduti kif qed issostni d-difiża jew inkella le kif qed issostni l-prosekuzzjoni.

Ghal dan id-dibattitu huwa doveruż analiżi tal-kronoloġija ta' kif imxew dawn il-proċeduri. Jirrizulta mhux kontradett li l-Estradant tressaq b'arrest fis-6 ta' Settembru 2021. Fil-15 ta' Settembru 2021 huwa ingħata l-ħelsien mill-arrest (fol 184), benefiċċju li għadu jgawdi minnu sallum. Inizzjalment dawn il-proċeduri ġew deċiżi b'sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta mgħotija fl-4 ta' Ottubru 2021 fejn il-Qorti kienet sabet li r-reat imsemmi fil-MAE *de quo* ma kienx reat t'estradizzjoni u ordnat il-ħelsien tal-Estradant. In segwitu ghall-appell tal-Avukat Ġenerali kontra din id-deċiżjoni, il-Qorti tal-Appell b'deċiżjoni tat-28 ta' Ottubru 2021 filwaqt li rrevokat id-deċiżjoni appena msemmija, iddikjarat li r-reat imsemmi fil-MAE *de quo* huwa fil-fatt reat t'estradizzjoni u bgħatet l-atti lura lil din il-Qorti bħala Qorti Rimandanti sabiex tkompli bis-smiegħ tal-estradizzjoni ai sensi tal-artikoli 13 *et seq* tal-Ordni, filwaqt li ddikjarat illi **l-Estradant għandu jitqiegħed fil-posizzjoni li kien fiha wara d-digriet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest tal-15 ta' Settembru 2021.** *(Enfasi ta' din il-Qorti).*

Illi ghalhekk harsa lejn it-termini tal-proċeduri *de quo* mill-ewwel turi li din il-kawża hija entro t-terminu stabbilit mill-Ordni. L-artikolu relevanti tal-ordni huwa ;- Artikolu 27A. Dan jipprovdi hekk:

*27A. (1) Id-deċiżjoni finali dwar il-konsenja, inkluża ddeċiżjoni ta' appell, jekk jiġi ppreżentat appell, għandha tittieħed mill-qorti fi żmien sittin (60) jum li jibdew mill-jum meta l-persuna li fir-rigward tagħha jkun inħareġ il-mandat taħt it-Taqsima II tkun ġiet arrestata.*

*(2) Fejn f'ċirkostanzi eċċezzjonali l-limiti ta' żmien stabbiliti fis-subartikolu (1) ma jkunux jistgħu jiġu osservati, l-awtorità ċentrali għandha tinforma lill-Eurojust, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għad-dewmien.*

Issa huwa paċifiku illi dan it-terminu ta' 60 jum japplika kwantu ghal 30 jum ghad-deċiżjoni mill-Qorti tal-Maġistrati bhala Qorti Rimandanti filwaqt illi t-30 jum l-ohra ghad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell. F'dan il-każ il-Qorti tal-Appell iddecidiet illi l-każ kellu jerġa jigi mibgħut lil din il-Qorti sabiex jitkompla s-smiegħ dwar l-hekk imsejjha *bars to extradition* kontenuti fl-Artikolu 13 tal-Ordni ghaliex gjaladarba l-Qorti tal-Appell sabet illi r-rejat imsemmi fil-MAE kien wieħed estradabbli il-Liġi stess taht l-artikolu 12(4) tal-Ordni tiddetta li l-Qorti għandha tmexxi taħt l-artikolu 13. Ġustament il-Qorti tal-Appell Kriminali ma setghetx tiddeciedi hi dik il-kwistjoni qabel ma l-ewwel tali deċiżjoni tkun ittiehdet mill-Ewwel Qorti u ghalhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali reġġgħet lura l-atti ghal quddiem din il-Qorti u ġabet lill-Estradant fis-sitwazzjoni li kien fiha fil-15 ta' Settembru 2021 meta ingħata l-ħelsien mill-arrest.

B'hekk mit-terminu ta' 30 jum, entro liema hija tenuta tiddeċiedi din il-Qorti, meta wieħed jgħodd iż-żmien li kien għadda bejn is-6 ta' Settembru 2021 (data tal-arrest) u l-15 ta' Settembru 2021 (ghal liema data reġġgħet lura l-Estradant il-Qorti tal-Appell) u jkompli jgħodd mit-28 ta' Ottubru 2021 (data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell) meta allura l-atti reġgħu ġew mibgħuta lura quddiem din il-Qorti sallum huwa ċar din il-Qorti ghadha *entro termine*.

Ghalhekk dawn il-proċeduri m'humiex *fuori termine* u l-eċċezzjoni sollevata mid-difiża qeda għalhekk tiġi respinta.

*Detto cio*, din il-Qorti sejra xorta waħda tagħmel referenza ghad-deċizjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet **Minister for Justice and Equility v Francis Lanigan (C-237/15 PPU)** ġja minnha *supra* ċitata fejn ġie stabbilit illi anke kieku ghal grazzja tal-argument biss it-termini stabbiliti huma skaduti, tali stat ta' fatt ma jġibx miegħu r-rimedju mixtieq mid-difiża u cioe' l-estinzżjoni tal-proċedura, iżda kif se naraw, xorta wahda jibqa f'idejn il-Qorti l-obbligu li tiddeċiedi dwar l-eżekuzzjoni o meno tal-mandat. Il-Qorti spjegat hekk:

*"34. Although Article 15(1) of the Framework Decision clearly provides that the executing judicial authority is to decide within the time-limits stipulated in the Framework Decision on whether to surrender the person concerned, the wording of that provision is not sufficient to determine whether a European arrest warrant must still be executed once those time-limits have expired and, in particular, whether the executing judicial authority is required to adopt the decision on the execution of the European arrest warrant once the time-limits stipulated in Article 17 of the Framework Decision have expired.*

*35. It should be noted, in that regard, that, according to the Court's settled case-law, in interpreting a provision of EU law, it is necessary to consider not only its wording but also the context in which it occurs and the objectives pursued by the rules of which it is part.*

*36. As regards the context of which Article 15(1) of the Framework Decision forms part, it follows from settled case-law of the Court that the principle of mutual recognition, which is the 'cornerstone' of judicial cooperation, means that, pursuant to Article 1(2) of the Framework Decision, Member States are in principle obliged to give effect to a European arrest warrant. They may refuse to execute such a warrant only in the cases of non-execution provided for in Articles 3, 4 and 4a of the Framework Decision and they may make its execution subject only to the conditions defined in Article 5 thereof.*

*Therefore, in the light, first, of the central function of the obligation to execute the European arrest warrant in the system put in place by the Framework Decision and, second, of the absence of any explicit indication therein as to a limitation of the temporal validity of that obligation, the rule set out in Article 15(1) of the Framework Decision cannot be interpreted as meaning that, once the time-limits stipulated in Article 17 of the Framework Decision have expired, the executing judicial authority is no longer able to adopt the decision on the execution of the European arrest warrant or that the executing Member State is no longer required to carry out the execution procedure in that regard.*

*39. Moreover, an interpretation of Article 15(1) of the Framework Decision to the contrary would not be coherent with Article 17(5) thereof. The latter provision states that the executing judicial authority must ensure that the material conditions necessary for effective surrender of the person remain fulfilled until a final decision on the execution of the European arrest warrant has been adopted, without limiting the validity of that obligation in time and, in particular, without providing that that obligation ceases to exist once the time-limits stipulated in Article 17 of the Framework Decision have expired. The persistence of such an obligation in that situation makes sense only if the executing judicial authority remains required to adopt the decision on the execution of the European arrest warrant after those time-limits have expired.*

*40. Furthermore, an interpretation of Article 15(1) of the Framework Decision to the effect that the executing judicial authority should no longer adopt the decision on the execution of the European arrest warrant after those time-limits have expired would run counter to the objective pursued by the Framework Decision of accelerating and simplifying judicial cooperation, since such an interpretation could, in particular, force the issuing Member State to issue a second European arrest warrant in order to enable a new surrender procedure to take place within the time-limits stipulated in the Framework Decision.*

*41. Thus, by preventing the effect of European arrest warrants from being weakened and delays in the execution of those warrants from leading to more complex procedures, the interpretation of Articles 15 and 17 of the Framework Decision to the effect that the decision on the execution of the European arrest warrant may still be adopted once the time-limits stipulated in Article 17 have expired only facilitates the surrender of requested persons, in accordance with the principle of mutual recognition set out in Article 1(2) of the Framework Decision, which constitutes the essential rule introduced by that decision.*

*Moreover, an interpretation contrary to Articles 15 and 17 of the Framework Decision would be liable to encourage delaying tactics aimed at obstructing the execution of European arrest warrants.*

*42. It follows from the foregoing that the mere expiry of the time-limits stipulated in Article 17 of the Framework Decision cannot relieve the executing Member State of its obligation to carry out the execution procedure of a European arrest warrant and to adopt the decision on the execution thereof".*

Illi apparti minn hekk is-sub artikolu (2) tal-Artikolu 27A tal-Ordni jipprovdi illi "fejn f'ċirkostanzi eċċezzjonali l-limiti ta' żmien stabbiliti fis-subartikolu (1) ma jkunux jistgħu jiġu osservati, l-awtorità ċentrali għandha tinforma lill-Eurojust, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għad-dewmien". Dan l-artikolu ukoll juri li t-termini stabbiliti m'humiex fatali u minnu stess joħrog li huwa terminu estendibbli tant li jipprospetta x'għandu jsir fl-eventwalita li jinqabeż[7]. Di piu fil-każ in eżami d-difensur tal-Avukat Ġenerali waqt it-trattazzjoni tieghu fuq dan il-punt għarraf il-Qorti li għal kull buon fini l-*Eurojust* ġiet debitament informata ai sensi tal-istess sub-artikolu.

Illi ghalhekk anke kieku biss ghal grazzja tal-argument it-termini stabbiliti fl-Ordni skadew (ħaġa li din il-Qorti gja stabbiliet *supra* li ma seħħitx) xorta jibqa l-fatt illi abbażi tal-insenjamenti sudetti, tali xenajru ma jgibx l-estinzjoni ta' dawn il-proċeduri kif tixtieq id-difiża u għalhekk anke minn dan il-lat din il-Qorti tirribadixxi li l-eċċezzjoni sollevata mid-difiża hija infondata fil-fatt u fid-dritt u qed tiġi respinta.

**IKKUNSIDRAT**

Illi sorvolat dan il-punt proċedurali din il-Qorti tirreferi ghal dak li gie adit lilha biex twettaq a tenur tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Ottubru 2021 u cioe' sabiex jitkompla s-smiegħ dwar l-hekk imsejjha *Impedimenti għall-estradizzjoni* kontenuti fl-Artikolu 13 tal-Ordni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza ghal dak verbalizzat fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2021 u cioe':

*"Il-Qorti tidderieġi lid-difensuri tal-partijiet sabiex jittrattaw dwar l-Artikolu 13 tal-Ordni kif dirett fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta' Ottubru 2021.*

*Dr. Arthur Azzopardi jiddikjara li l-Estradant m'għandux provi xi jressaq fir-rigward tal-Bars of Extradition imsemmija fl-artikolu 13 ta LS 276.05.*

*Dr. Camilleri jiddikjara li lanqas il-prosekuzzjoni m'għandha provi f'dan ir-rigward.*

[7] Haġa li pero kif spjegat aktar qabel din il-Qorti ghadha ma sehhitx.

*Dr. Azzopardi jiddikjara li hemm impediment ghall-estradizzjoni f'dan il-każ li jemerġi mill-artikolu 28 ta' LS 276.05.*

*Dr. George Camilleri għall-Avukat Ġenerali u il-prosekuzzjoni jiddikjaraw illi l-Estradant m'huwiex akkużat b'reat f'Malta bażat fuq l-istess att li fuqu huwa bbażat il-mandat de quo u kwindi jsostni li l-artikolu citat ma japplikax.*

*Il-Qorti b'referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta'Ottubru 2021 terga tidderiegi lill-partijiet sabiex jittrattaw dwar dak li ġie dirett li jsir minn din il-Qorti fl-istess deċiżjoni.*

*Id-difensuri tal-partijiet jiddikjaraw illi ma jeżistux impedimenti kif stipulati fl-artiklu 13 u kwindi m'għandhom la provi u lanqas trattazzjonijiet iktar x'jaghmlu."*

Illi ghalhekk billi ma ġiet sollevata ebda raguni msemmija fir-regolament 13 tal-Ordni li tammonta ghall-impediment ghall-estradizzjoni *('bar to extradition')* din il-Qorti tista' tghaddi biex tieħu l-provvedimenti ai termini tar-regolament 24 tal-Ordni. Qed jinghad '*tista tghaddi*' ghaliex fil-verbal sudett l-abbli difensur tal-Estradant ikkwalifika d-dikjarazzjoni tieghu sudetta billi qal illi qed "*izomm ferm id-drittijiet kollha tal-Estradant illi l-fatti kif naxxenti mill-Mandat ta Arrest Ewropew odjern, skond il-Liġi lokali, ossia l-artikolu 22(1)(D) tal-Kap 101 iridu necessarjament iwasslu lill-awtoritajiet Maltin sabiex skond l-obbligi tagħhom naxxenti mill-Artikolu 346 u 356 tal-Kodiċi Kriminali għandhom jittieħdu proċeduri hawn Malta kontra l-Estradant u dan fid-dawl tal-Artikolu 5 tal-Kodiċi Kriminali*".

Illi in vista ta' tali dikjarazzjoni l-Qorti ħasset li, avolja konxja ta' ġurisprudenza li tistabilixxi illi l-impedimenti ta' estradizzjoni huma dawk tassattivament elenkati fl-Artikolu 13 tal-Ordni u li l-artikolu 28 citat mill-abbli difensur tal-Estradant mhuwiex impediment ta' estradizzjoni kif imsemmi fl-istess artikolu, ikun opportun illi qabel ma tgħaddi kif indikat aktar il-fuq hija xorta waħda tinvesti f'din il-pregudizzjali sollevata.

**IKKUNSIDRAT**

Illi in rigward il-Qorti tosserva li hija għandha timxi f'dawn il-proċeduri skond id-dettami tal-Ordni.

Illi l-Artikolu ċitat mid-difiża jgħid hekk:

*28. (1) Dan l-artikolu japplika jekk f'xi waqt matul is-smigħ dwar l-estradizzjoni l-qorti tiġi mgħarrfa li l-persuna li dwarha jkun inħareġ il-mandat taħt it-Taqsima II tkun ġiet akkużata b'reat f'Malta bażat fuq l-istess att li fuqu jkun ibbażat il-mandat taħt it-Taqsima II.*

U l-artikolu 28A umbaghad jghid hekk:

*28A.(1) Dan l-artikolu japplika jekk f'xi waqt matul is-smigħ dwar l-estradizzjoni l-qorti tiġi mgħarrfa li l-persuna li dwarha jkun inħareġ il-mandat taħt it-Taqsima II tkun ġiet akkużata b'reat f'Malta bażat fuq l-att li ma jkunx dak l-att li fuqu jkun ibbażat il-mandat taħt it-Taqsima II liema kondizzjonijiet għandhom jorbtu lill-awtoritajiet kollha tal-pajjiż skedat li joħroġ il-mandat.*

In rigward, il-Qorti tagħmel ukoll referenza ghal dak dikjarat mill-abbli difensur tal-Avukat Ġenerali fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2021 (fol 439) "illi l-prosekuzzjoni rigward il-fatti indikati fil-mandat t'arrest *de quo* qeda topera fil-qafas tal-Konvenzjoni tal-Gnus Mgħaquda kontra t-Traffiku Illeċitu tad-Drogi Narkotiċi liema Konvenzjoni tgħati lill-pajjiżi konċernati sabiex jiftehmu bejniethom fuq ġurisdizzjoni u f'dan ir-rigward sejjer jippreżenta nota dwar il-pożizzjoni ta' Malta".

IIli l-Qorti rat ukoll in-Nota Konġunta tal-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija ppreżenatata fit-12 ta' Novembru 2021 fejn ikkonfermaw li mhux biss l-involviment ta' Malta fil-proċeduri in meritu kien dejjem xprunat mill-Awtoritajiet Taljani u li l-Estradant gie mitkellem mill-Pulizija Maltija fuq il-fatti konċernanti dan l-MAE biss wara li rċevew Ordni ta' Investigazzjoni mill-Italja u ghalhekk ghal skopijiet ta' investigazzjonijiet fl-Italja izda wkoll li b'akkoljiment tal-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni tal-Gnus Mgħaquda kontra t-Traffiku Illeċitu tad-Drogi Narkotiċi, Malta għandha biss ġurisdizzjoni residwali fuq il-każ ghar-raġuni biss li l-Estradant huwa ta' nazzjonalita Maltija iżda li l-obbligazzjoni fissa li Malta teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha tramite l-Konvenzjoni hija biss fil-każ ipotetiku meta, ghal xi raġuni tiddeċiedi li ma testradix lil persuna rikjesta u allura tkun obbligata li tiftaħ proċeduri hawn Malta. Izda jibqa ferm illi ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Malta tibqa obbligata testradixxi lill-Estradant minnufih.

In rigward il-Qorti rat ukoll ir-rikors intavolat mill-Estradant fit-12 ta' Novembru 2021 fejn il-Qorti intalbet tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex id-difiza tkun tista titratta dwar in-nota sudetta pprezentata mill-prosekuzzjoni, talba li giet minn din il-Qorti milqugha fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 2021 u in segwitu ghal-liema, id-difiza giet awtorizzata minn din il-Qorti tipprezenta u fil-fatt ipprezentat Nota Risponsiva datata 16 ta'Novembru 2021 fejn fil-partijiet saljenti l-Estradant sostna illi:

1. It-trattat tal-Gnus Mgħaquda kontra t-Traffiku Illegali ta' Sustanzi Narkotiċi u Psikotropiċi tramite artikolu 4 joħloq obbligu fuq Malta sabiex hi jkollha

ġurisdizzjoni ghall-allegati reati attribwiti lill-Estradant mill-Awtoritajiet Taljani fil-MAE odjern. Tali reati, ssostni d-difiza, huma ta' gurisdizzjoni territorjali lokali.

2. L-artikolu 13(1A) tal-Ordni ma jinkludix l-estremi kollha ravvizati fl-artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru u li dan jammonta ghal nuqqas pależi tal-obbligi ta' Malta taht l-Att Dwar l-Unjoni Ewropeja (Kap 460) u li sabiex jigi ssanat dan in-nuqqas ghandu jew jintalab kjarifika lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Kommunitajiet Ewropej minn din il-Qorti jew inkella il-Qorti tqis l-artikolu 28A tal-Ordni fl-isfond tal-artikoli 4(2), (3), (4) u (7)(a)(b) tad-Deċiżjoni Kwadru. Id-difiża sosstni li Malta ghandha gurisdizzjoni fuq l-Estradant mhux biss ghax hu cittadin Malti izda wkoll ghax skond hi l-allegat agir sehh f'Malta u hawnhekk ikkritikat id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'dan il-kaz (Appell numru 320/21) inkwantu ma taqbilx ma dak deċiz mill-istess Qorti tal-Appell illi l-agir tal-Estradant kien wiehed ta' gurisdizzjoni extra-territorjali u ghalhekk ma qablitx mal-Qorti illi l-artikolu 59(4) tal-Ordni kien l-artikolu applikabbli.

3. Isostni li Malta ghandha gurisdizzjoni primarja u jikkritka l-fatt illi m'hiex skuza ghal Malta li biex tipprosekwixxi hi taf ikollha diffikultajiet ta' provi minhabba l-fatt li l-evidenza tinstab l-Italja u jghid li hemm diversi mizuri *in place* fi hdan l-Istati Membri fosthom l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew (EIO) u mezzi ohra bhal *video conferencing*.

Il-Qorti semghet ukoll lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw estensivament fl-udjenza tas-16 ta' Novembru 2021 dwar il-punti sollevati *supra.*

**IKKUNSIDRAT**

Illi din il-Qorti spinta mill-enuncjazzjonijiet ravvizati aktar il-fuq dwar il-qafas operattiv tal-MAE tosserva fl-ewwel lok li hija ghandha l-poteri taġixxi fit-termini tal-Ordni ossia LS 276.05 li huwa parti mill-Ligi Lokali *essendo* Ordni maħruġ bis-saħħa tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta). Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fit-13 ta' Awwissu 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Emmanuel Camilleri) (Spettur Sandro Zarb) v. Mohammed Abdel Monem Abbas Aly** il-Qorti spjegat illi:

*"huwa proprju l-Att dwar l-Estradizzjoni li hi l-ligi domestika li tahtha u a bazi taghha il-qrati domestici jistghu jiehdu konjizzjoni ta' trattat ta' estradzzjoni. Kieku ma kienx hemm din il-ligi – jew xi ligi ohra simili – il-qrati ma kienux ikunu f'posizzjoni li jiehdu konjizzjoni ta' trattat ta' estradizzjoni (apparti li ebda estradizzjoni ma kienet tkun tista' ssir peress li kienet tkun nieqsa "l-awtorita` ta' ligi" skond id-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 43 tal-Kostituzzjoni".*

Dwar dan il-punt ossia li din il-Qorti ghandha l-parametri operattivi taghha f'dawn il-proċeduri cirkoskritti minn dak li jipprovdi LS 276.05 taqbel ukoll id-difiza meta waqt it-trattazzjoni taghha stess irrikonoxxiet proprju li din il-Qorti hi marbuta ma' dak li jipprovdi l-Ordni.

Ghalhekk il-Qorti filwaqt li ħadet kont tas-sottomissjonijiet sollevati mid-difiza tasal biex taqbel ma dak sostnut mill-Avukat Ġenerali illi mhux kompitu ta' din il-Qorti li tidhol fi kwistjonijiet li jmorru oltre dak li jipprovdi l-Ordni.

Diu piu dak sollevat mid-difiza ma jsibx riljev f'wiehed mill-impedimenti ta' estradizzjoni kontenuti tassattivament fl-artikolu 13 tal-Ordni kif wara kollox l-Estradant innifsu ddikkjara fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2021 illi ma kellu ebda impediment ta' estradizzjoni x'jissolleva a tenur tal-Artikolu 13 tal-Ordni.

Lanqas tista l-Qorti tabbraccja t-tezi tad-difiza li l-Artikolu 28A ta' LS 276.05 ghandu jinqara fid-dawl tal-artikoli 4(2),(3),(4) u (7)(a)(b) tad-Deċiżjoni Kwadru u dan kemm ghaliex il-Ligi dan ma tipprovdihx u kemm ghaliex il-Qorti ma tistax taccetta li l-kelma 'akkuzat b'reat' fl-artikolu 28A tinghata t-tifsira li qed tippretendi d-difiża meta huwa ċar li fil-korp kollu tal-istess artikolu qed issir referenza ghal kliem bhal 'proċedimenti' u 'akkuza tigi rtirata' *il che* jfissru mhux semplici investigazzjoni kif qed targomenta d-difiza imma procediment ossia proċess gudizzjarju penali quddiem il-Qrati Maltin.

Apparti minn hekk il-Qorti tagħmel referenza ghad-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-2 ta' Dicembru 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Mark Galea) -vs- Gordon Schembri** fejn hareg car illi 'akkuzat' taht l-artikolu 28 jew 28A tfisser persuna imputata quddiem il-Qrati Maltin. Di fatti l-Qorti qalet hekk:

*'peress li jirrizultaw l-estremi guridici li jissemmew fir-Regolament 28(1) tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, L.S. 276.05, u cioe` li r-reat li dwar qed tintalab it-treggija tal-estradand permezz tal-Mandat t'Arrest Ewropew mertu ta' dawn il-proceduri, hu bazat fuq l-istess fatti li dwarhom, l-estradand, gie imputat quddiem il-Qrati Maltin;*

*U billi jidher li hi s-setgha ta' din il-Qorti li taġġorna s-smigħ dwar l-estradizzjoni sakemm jigu decizi definittivament l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-estradand fil-proceduri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Michael Aquilina u Gordon Schembri (Kumpilazzjoni Nru. 51/2018), li ghadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).*

*Ai termini tar-Regolament 28(2)(a) tal-Ordni, il-Qorti qed **taġġorna s-smigħ** dwar l-estradizzjoni sakemm il-proceduri Il-Pulizija vs Michael Aquilina u Gordon Schembri (Kumpilazzjoni Nru. 51/2018) jkunu gew ezawriti'*.

Illi ghalhekk tenut kont li fil-każ in dizamina ma nġabet ebda prova quddiem din il-Qorti illi l-Estrandant *de quo* huwa fil-fatt 'akkuzat' hawn Malta fis-sens hawn fuq spjegat qeda tiċhad din il-pregudizzjali sollevata mid-difiza.

Illi l-Qorti lanqas tista taqbel mad-difiza fil-kritika taghha dwar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta' Ottubru 2021 (Appell 320/21) mhux biss ghaliex din il-Qorti mhiex adita u lanqas ghandha kompetenza terga tissindika dak gja deċiz mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali u giet adita biex tkompli bil-mod li giet diretta taghmel fl-istess sentenza, izda wkoll ghaliex hija tabbraċċja fis-sħiħ ir-ragunament u l-konkluzjonijiet raggunti mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali ghal dak deciz mill-istess Qorti .

Illi finalment kwantu ghas-sottomissjoni tad-difiza rigwardanti l-EIO din il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Mark Galea) (Spettur Robinson Mifsud) -vs- Antonio Ricci** deċiża fid-9 ta' Mejju, 2019 fejn itqal hekk:

*"Illi fl-ewwel lok l-estradand jissottometti li f'dan il-kaz kellu jinhareg Ordni t'Investigazzjoni Ewropew (aktar il-quddiem imsejjah 'OIE') u mhux Mandat t'Arrest Ewropew.*

*Illi l-mizuri li pajjiz jaghzel jaddotta fl-isfera tal-mutual assistance in criminal matters huma nterament xelta tieghu. Il-fatt wahdu li l-Prosekutur Taljan ghazel f'dan l-istadju li jmexxi l-quddiem il-procediment kondott minnu permezz ta' MAE u mhux b'OIE hi indikazzjoni cjara li l-awtoritajiet Taljani hassew li ma jinhtiegu l-ebda assistenza ulterjuri minghand l-awtoritajiet Maltin biex tingabar aktar evidenza. ....*

*Illi ma jispettax la lil din il-Qorti, la lill-partijiet u lanqas lill-awtoriajiet Maltin jiddettaw lill-awtoritajiet Taljani meta hemm htiega li l-investigazzjoni taghhom tibda, tissokta jew tintemm. Daqstant iehor mhux kompitu taghhom jiddettaw lil dik l-awtorita` barranija x'mizuri ghandha tiehu biex tmexxi l-quddiem prosekuzzjoni jew investigazzjoni skond il-kaz! Li jsir mod iehor ifisser li tkun qed tigi uzurpata l-funzjoni tal-awtoritajiet kompetenti gudizzjarji propju minn awtorita` li la ghandha xi setgha jew kompitu fuq il-procedimenti kondotti fl-italja u wisq anqas ma kienet kompartecipi fihom ghajr ghal meta skond arrangamenti internazzjonali tkun giet msejjha u tat l-assistenza taghha skond kif mitlub fl-arrangament u/jew trattati li Malta u l-Italja huma firmatarji taghhom.*

*Maghdud dan kollu jibqa' l-fatt li l-Qorti hi msejjha biex tiddeciedi esklussivament dwar dak migjub quddiemha, il-MAE. Ghandha tiddeciedi jekk dan l-istrument jissodisfax il-vot tal-ligi li tirregolah. Ma ghandha l-ebda kompitu tuzurpa l-funzjoni tal-awtoritajiet gudizzjarji esteri u tiddetta hi liema strument u liema azzjoni procedurali kien jispetta jittiehed.*

Din il-Qorti taqbel perfettament ma dan l-insenjament u taghmlu taghha.

**III. KONKLUZJONI**

Għaldaqstant in vista tal-fatt li ma teżisiti ebda raguni msemmija fir-regolament 13 tal-Ordni li tammonta għall-impediment għall-estradizzjoni, ai termini tar-regolament 24 tal-Ordni, din il-Qorti qeda: -

Tordna li l-estradant għandu jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġigħ lura tieghu lejn l-Italja, il-pajjiż skedat fejn inħareġ il-mandat.

Il-Qorti qeghdha wkoll, ai termini tar-regolament 25 tal-Ordni moqri flimkien mal-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta, tinforma lill-Estradant li:

(a) Mhuwiex ser jigi mregga' lura lejn l-Italja qabel ma jghaddu sebat ijiem mid-data ta' din l-ordni ta' kustodja;

(b) Ghandu dritt li jinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn din l-ordni;

(c) Jekk jidhirlu li xi wiehed mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta Malta, gie miksur jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja hija, tkun giet jew x'aktarx tkun sejra tiġi miksura dwar il-persuna tieghu hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-Qorti, huwa ghandu jedd jitlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skont il-kaz.

**MOQRIJA**

________________________
**DR. NOEL BARTOLO**
**Maġistrat**

________________________
Mario Spiteri
Deputat Reġistratur